

Ċaħda ta' reponsabbiltà: Din hija traduzzjoni tax-xogħol ta' dokument ippubblikat orīginarjament bl-Ingliż. Id-dokument orīginali huwa disponibbli fuq il-websajt tal-ECHA.

ECHA/NA/12/47

L-ECHA tħabbar abbozz ta' pjan għall-valutazzjoni tas-sustanzi kimiċi għall-2013-2015

L-ECHA ippreparat proposta biex taġġonna l-pjan ta' azzjoni rikorrenti Komunitarju (CoRAP) għall-2013-2015. L-abbozz tal-pjan jinkludi 116-il sustanza kimika li huma proposti biex jiġu riveduti mill-Istati Membri taħt il-proċess ta' valutazzjoni tas-sustanzi kimiċi tar-Regolament REACH.

Helsinki, 23 ta' Ottubru 2012 – L-abbozz tal-lista ta' aġġornamenti jinkludi 64 sustanza kimika ġdida magħżula u 53 sustanza kimika mill-ewwel pjan ippubblikat fid-29 ta' Frar 2012. Dawn is-sustanzi huma allokati għal valutazzjoni matul is-snin 2013, 2014 u 2015. L-ECHA issa qiegħda tippubblika verżjoni pubblika tal-abbozz tal-pjan li tinkludi l-ismijiet mhux kunfidenzjali tas-sustanzi kimiċi, in-numri CAS u EC, is-sena tentattiva ta' valutazzjoni, u d-dettalji ta' kuntatt tal-Istat Membru propost tal-valutazzjoni.

Il-proċess CoRAP ma jinkludix konsultazzjoni pubblika. Madankollu, l-ECHA tinforma lill-partijiet interessati bil-progress magħmul fil-pubblikazzjoni ta' dan l-abbozz tal-lista ta' sustanzi kimiċi u tinkoraġġixxi lir-reġistranti tas-sustanzi kimiċi biex jibdew jikkoordinaw l-azzjonijiet tagħhom u jkollhom interazzjonijiet kmieni mal-Istati Membri ta' valutazzjoni.

Ir-Regolament REACH (KE) Nru 1907/2006 jitlob lill-ECHA tippreżenta l-abbozz tal-aġġornament annwali ta' CoRAP lill-Istati Membri sat-28 ta' Frar kull sena. Il-pjan jindirizza sustanzi kimiċi li huma ssuspettati li jimponu riskju għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent. Il-valutazzjoni tas-sustanzi kimiċi hija l-proċess taħt REACH li jippermetti l-kjarifika ta' dawn ir-riskji. Matul il-proċess ta' valutazzjoni aktar informazzjoni tista' tkun mitluba mir-reġistranti tas-sustanzi kimiċi jekk tkun ikkunsidrata neċċesarja dejta addizzjonali biex jiġi kkjarifikat ir-riskju ssuspett. Il-valutazzjoni tista' tirriżulta fil-konferma tar-riskju ssuspettaw jew, alternattivament, tista' tikkonkludi li s-sustanza kimika ma tikkostitwixx riskju u ma hi meħtieġa ebda dejta ulterjuri.

L-abbozz tal-pjan kien ippreparat f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, b'kont meħud tal-kriterji miftiehma bbażati fuq ir-riskji, għall-għażla ta' sustanzi kimiċi. L-Istati Membri pproponew ukoll sustanzi kimiċi bbażati fuq prioritajiet nazzjonali.

F'ħafna każijiet, it-tħassib inizjali huwa relatat mal-karatteristiċi potenzjali Persistenti, Bijoakkumulattivi u Tossiċi (PBT), disturb issuspettaw tal-endokrina, jew karatteristiċi karċinoġeniċi, mutaġeniċi u reprotoċċiċi f'kombinazzjoni ma' użu(użijiet) wiesa' dispersiv(i) jew tal-konsumatur. B'mod ġenerali, l-użu ta' dawn is-sustanzi kimiċi jkopri diversi oqsma u ma jiffoka fuq ebda użu partikolari industrijni, professjonali jew tal-konsumaturi.

L-ECHA ippreżentat l-abbozz tal-aġġornament CoRAP għall-2013-2015 lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membri u lill-Kumitat tal-Istat Membri tal-ECHA. Il-Kumitat jibda diskussjonijiet tiegħu din il-ġimgħa u qed jippjana li joħroġ opinjoni dwar l-abbozz tal-pjan fi Frar 2013. L-ECHA imbagħad taddotta l-aġġornament finali CORAP għall-2013-2015 abbażi tal-opinjoni tal-Kumitat.

L-iskop tal-ECHA hu li taddotta u tippubblika l-aġġornament finali CORAP għall-2013-2015 matul Marzu 2013. L-aġġornament finali CoRAP għall-2013-2015 ser iku jindika l-Istat Membri responsabbi mill-valutazzjoni ta' kull sustanza kimiċa u r-raġunijiet inizjali ta' tħassib. Mill-pubblikazzjoni tal-aġġornament finali CoRAP għall-2013-2015, l-Istat Membri rispettivi għandhom sena waħda biex jivvalutaw sustanzi kimiċi speċifikati għall-2013 u, meta jitqies neċċessarju, biex jippreparaw abbozz ta' deċiżjonijiet sabiex jitħalli aktar informazzjoni biex jikkjarifikaw ir-riskji suspettati. Tali abbozz ta' deċiżjonijiet ikunu riveduti mill-Istat Membri l-oħra u meta neċċessarju jsir qbil dwarhom mill-Kumitat tal-Istat Membri qabel ma l-ECHA toħroġ deċiżjoni finali. Reġistranti ta' sustanzi kimiċi elenkti fil-CoRAP finali jingħataw l-opportunità jikkumentaw qabel ma tittieħed xi deċiżjoni finali biex tintalab informazzjoni ulterjuri.

Aktar informazzjoni

- Abbozz tal-lista 2013-2015 CoRAP**
http://www.echa.europa.eu/documents/10162/13628/draft_corap_2013-2015_en.pdf
- Paġni web CORAP**
<http://www.echa.europa.eu/regulations/reach/evaluation/substance-evaluation/community-rolling-action-plan>
- Skeda informativa dwar il-valutazzjoni tas-sustanzi**
http://www.echa.europa.eu/documents/10162/13628/fs_substance_evaluation_en.pdf
- Tfittxija għal sustanzi kimiċi**
<http://www.echa.europa.eu/information-on-chemicals>
- L-għażla ta' kriterji għall-prioritizzazzjoni ta' sustanzi għall-Valutazzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (kriterji ta' selezzjoni CoRAP 2011)**
http://www.echa.europa.eu/documents/10162/13628/background_doc_criteria_ed_32_2011_en.pdf
- Paġni web ta' valutazzjoni**
<http://www.echa.europa.eu/regulations/reach/evaluation/substance-evaluation>
- Proċeduri relatati għall-valutazzjoni ta' sustanzi kimiċi (Paġni web tal-Proċeduri Pubbliċi)**
<http://www.echa.europa.eu/about-us/the-way-we-work/procedures-and-policies/public-procedures>